



28.9.2012

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: **Petizzjoni 0251/2012, imressqa minn Anna Stachecka, ta' ċittadinanza Pollakka, f'isem il-grupp ta' ċittadini "Grupa Inicjatywna Mieszkancow Gminy Sztutowo", b'4 firem oħra, dwar il-ħsara kkawżata mill-kasturi fil-belt ta' Sztutowo u l-inħawi tagħha**

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonanta tirreferi għall-ħsara serja li l-popolazzjoni ta' kasturi kkawżat fil-Polonja u mhux l-inqas fil-belt ta' Sztutowo u l-inħawi tagħha. Il-petizzjonanta tiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-attivitajiet tal-kasturi, inklużi t-tħaffir ta' mini fid-digi u t-tiċrit tal-ixkejjer tar-ramel, ikkontribwew għall-għargħar kbar ta' dawn l-aħħar snin. Il-petizzjonanta, li tifhem bis-sħiħ il-miżuri maħsuba biex jinżamm stat ta' konservazzjoni favorevoli ta' speċi mhedda, tirreferi fl-istess ħin għall-ħtiġijiet ekonomiċi, soċjali u ta' sigurtà tal-popolazzjoni lokali, u billi l-appelli tagħha lill-awtoritajiet Pollakki baqgħu bla riżultat, hi titlob lill-Parlament Ewropew jieħu l-miżuri meħtieġa biex, b'mod legali, tkun tista' tiġi kkontrollata l-popolazzjoni tal-kasturi fil-belt ta' Sztutowo u l-inħawi tagħha.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fis-26 ta' Ġunju 2012. Il-Kummissjoni ntabbet tagħti informazzjoni skont Artikolu 202(6).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-28 ta' Settembru 2012

‘Il-kastur Ewropew huwa speċje elenkat fl-Anness II tad-Direttiva dwar il-Habitats (Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE<sup>1</sup>). Dan ifisser li l-Polonja, kif ukoll Stati Membri oħrajn fejn il-kastur Ewropew jinsab fil-ħabitat naturali tiegħu, għandhom l-obbligu li jinnominaw siti ta'

<sup>1</sup> ĠU L 206, 22.7.1992

importanza Komunitarja (SCIs) għal dan l-ispeċi. Barra minn hekk, il-popolazzjoni Pollakka tal-kastur hija elenkata fl-Anness V tad-Direttiva li jfisser li, jekk ikun meħtieġ, l-awtoritajiet Pollakki jistgħu jnaqqsu l-popolazzjoni ta' kasturi, sakemm din tkun mantnuta fi status ta' konservazzjoni favorevoli.

Skont l-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni, l-awtoritajiet Pollakki huma konxji dwar il-problemi kkawżati mill-kasturi u qed jippreparaw pjanijiet biex jimmaniġġjaw il-popolazzjoni b'mod iktar strateġiku<sup>1</sup>. Fl-2006-2007, Pjan ta' Protezzjoni għall-Ispeċi Nazzjonali għall-kastur Ewropew ġie żviluppat ukoll fil-Polonja bħala riżultat tal-proġett ta' ġemellaġġ TEPL2004/016-829.03.03, "Faċilità ta' Tranżizzjoni" ffinanzjat mill-UE.<sup>2</sup> Dan id-dokument jippreżenta, fost oħrajn, metodi ta' kontroll tal-popolazzjoni tal-ispeċi u l-mitigazzjoni tal-ħsara kkawżata mill-kasturi.

### Konklużjoni

Il-kastur Ewropew huwa protett bis-saħħa tad-Direttiva dwar il-Habitats. Il-leġiżlazzjoni tal-UE, madankollu, ma tipprojbixxix il-ġestjoni tal-ispeċi b'tali mod li tirrikonċilja l-ħtieġa għall-konservazzjoni tiegħu u l-interessi ekonomiċi u tas-sikurezza tal-popolazzjoni lokali. Minħabba l-prinċipju tas-sussidjarjetà, l-awtoritajiet tal-protezzjoni tan-natura reġjonali u nazzjonali (id-Direttorat Ġenerali tal-Protezzjoni Ambjentali f'Varsavja u id-Direttorat Reġjonali ta' Ħarsien Ambjentali fi Gdańsk) huma fl-aħjar pożizzjoni biex jiddeċiedu f'liema livell il-popolazzjoni hija sostenibbli u, jekk meħtieġ, jiddeċiedu l-aħjar mod biex jikkontrollaw in-numri tagħhom.

---

<sup>1</sup> [http://www.gdos.gov.pl/News/view/4441/Metodyka\\_w\\_zakresie\\_inwentaryzacji\\_bobra](http://www.gdos.gov.pl/News/view/4441/Metodyka_w_zakresie_inwentaryzacji_bobra).

<sup>2</sup> [http://www.bobry.pl/docs/bobr\\_b\\_eaver.pdf](http://www.bobry.pl/docs/bobr_b_eaver.pdf).